



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawżi magħquda C-177/17 u C-178/17

**Demarchi Gino Sas
u
Graziano Garavaldi
vs
Ministero della Giustizia,**

(talbiet għal deċiżjoni preliminari, imressqa mit-Tribunale amministrativo regionale per il Piemonte)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 47(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni – Rabta suffiċjenti – Assenza – Nuqqas ta’ ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja”

Sommarju – Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba’ Awla) tas-7 ta’ Settembru 2017

Domandi preliminari — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja — Limiti — Talba għall-interpretazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni — Leġislazzjoni nazzjonali li ma tikkostitwixxix miżura ta’ implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li ma tippreżentax elementi oħra ta’ rabta ma’ din tal-aħħar — Nuqqas manifest ta’ ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

(Artikolu 6(1) TFUE; Artikolu 267 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 51(1) u (2); Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 53(2))

Sabiex jiġi ddeterminat jekk leġislazzjoni nazzjonali taqax taħt l-implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51 tal-Karta, hemm lok li jiġi vverifikat, fost elementi oħra, jekk hija għandhiex bħala għan li timplimenta dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, in-natura ta’ din il-leġislazzjoni u jekk hija ssegwix għanijiet differenti minn dawk koperti mid-dritt tal-Unjoni, anki jekk hija tista’ taffettwa indirettament lil din tal-aħħar, kif ukoll, jekk teżistix leġislazzjoni tad-dritt tal-Unjoni speċifika fil-qasam jew li tista’ taffettwah (sentenzi tas-6 ta’ Marzu 2014, Siragusa, C-206/13, EU:C:2014:126, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-10 ta’ Lulju 2014, Julián Hernández *et*, C-198/13, EU:C:2014:2055, punt 37).

F’dan il-każ, hekk kif jirriżulta mid-deċiżjonijiet tar-rinviju, id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkonċerna l-proċedura ta’ rkupru tas-somom dovuti mill-Istat, bħala kumpens ekwu, minħabba t-tul eċċessiv ta’ proċedura ġudizzjarja, prevista fl-Artikolu 5e tal-Liġi Nru 89/2001. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, minn naħa, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE msemmija mill-qorti tar-rinviju, ma jimponux fuq l-Istati Membri obbligi speċifiċi dwar l-irkupru ta’ somom dovuti mill-Istat, bħala kumpens ekwu, minħabba t-tul eċċessiv ta’ proċedura ġudizzjarja u li, fl-istat attwali, id-dritt tal-Unjoni ma fih l-ebda leġislazzjoni speċifika dwar il-kwistjoni.

Minn dan jirriżulta li ebda element ma jippermetti li jiġi kkunsidrat li l-kawża prinċipali tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta’ regola tad-dritt tal-Unjoni differenti minn dawk li jidhru fil-Karta. Issa, peress li sitwazzjoni legali ma tkunx taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni,

il-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni dwarha u d-dispożizzjonijiet tal-Karta eventwalment invokati ma jistgħux, fihom infushom, jistabilixxu dik il-ġurisdizzjoni (digriet tat-18 ta' Frar 2016, Rîpanu, C-407/15, mhux ippubblikat, EU:C:2016:167, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

(ara l-punti 20, 22, 25, 28)